MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Numru. 260/2006

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)
Vs
Naji Ahmad Mohamad el-Maraash

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-13 ta' Marzu, 2006, f'xi hin filghodu, seraq minn gewwa Flat 9, no. 26, Triq ir-Regina Vitorja, Sliema ghad-dannu ta' John Owen liema serq jaqbez l-elf Lira Maltin (LM1,000) u li huwa aggrevat bil-mezz, bil-valur, u bil-lok u dan bi ksur tal-artikoli 261b, c, e, 263(a), 265, 267 u 269(g) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-14 ta' Mejju 2006 u fix-xhur u fil-granet ta' qabel xjentament xtara jew laqgha ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir

f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika wkoll l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur ma ghandux il-kunsens sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2006. Tat zmien xieraq lill-imputat sabiex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu, wara li infurmatu bl-import legali ta’ din l-ammissjoni u issospendiet il-kawza ghal dan il-ghan. Meta regghet issejjhet il-kawza rega’ deher l-Ispettur Zammit u deher l-imputat assistit li baqa’ itenni li ried jirregistra ammissjoni. Ghalhekk, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263 (a), 265, 267, 269(g), 279 (b), 17 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, dik ta’ ricettazzjoni, peress illi una volta li jirrizulta s-serq dan ir-reat jeskludi r-reat ta’ ricettazzjoni;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi kif iddikjara l-Ufficjal Prosekutur u kif irrizulta wkoll mill-istqarrija illi irrilaxxja l-imputat lill-pulizija, l-imputat mal-ewwel irregistra ammissjoni, ammetta l-involviment kollu tieghu f’dan ir-reat u ikkopera ferm mal-pulizija matul l-investigazzjoni, tant ukoll illi r-res furtiva giet kollha rikuperata u mghoddija mill-Prosekuzzjoni lid-derubati. Ghalhekk tara li piena karcerarja effettiva mhix idoneja ghal dan il-kaz u ghalhekk, wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghal tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara li mhijiex ser tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 peress illi l-Ufficjal Prosekutur infurmaha illi ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikoli 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------